Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Nicholai Galea

Illum 05 ta' Gunju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuza mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-20 ta' Jannar 2023 kontra:

**Nicholai Galea** ta' 26 sena, iben Saviour u Rita nee Vella, imwieled l-Pieta' nhar il-15/04/1996, u resident gewwa l-Ibjar, L-Irziezet tal-Imtahleb, il-Bahrija, Rabat (Malta), detentur tal-karta tal-identita numru:173396M,

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Jannar 2023, fil-hinijiet ta' wara nofs in-nhar, gewwa l-Ibjar, l-Irziezet tal-Imtahleb fir-Rabat (Malta),

volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli ghad detriment tal-familja Cutajar, bl- ammont ma jiskorrix il-250ewro, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Josette Cutajar, Bernardette Cutajar u Isabelle Cutajar u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat Galea taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet x-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta[2].

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Folio 6 tal-process.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fis-seduta tas-7 ta' Frar 2024.[3]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan huwa kaz li jirrigwarda allegat incident li sehh fil-15 ta' Jannar 2023 fl-Imtahleb, Rabat (Malta) fejn qed jigi allegat li l-imputat haraq numru ta' pallets li kienu tal-familja Cutajar, li jigu minnhom. Skont l-akkuza dawn ma jiswewx aktar minn mitejn u hamsin Ewro (€250).

**Il-Provi**

Xehdet **Bernardette Cutajar** nhar id-19 ta' Mejju 2023 li spjegat li fis-16 ta' Jannar 2023 hija marret fil-post imsemmi ghall-habta tad-disgha ta' fil-ghodu (9.00am) biex taghlef u ndunat li l-pallets ma kinux ghadhom hemm u meta harset lejn il-kamra indunat kien hemm il-gmied tal-pallets. Tghid li hija kellha madwar sittin (60) pallet u kienet xtrathom madwar hames Ewro (€5) kull wahda u kull ma fadlilha tnejn biss. Hija marret ticcekja is-CCTV u ndunat li l-imputat kien haraqhom, Tghid li l-imputat huwa l-kugin taghha. Tissokta tghid li l-pallets kienet ser tuzahom biex taghmel guva zghira.[4]

[3] Folio 115 sa 117 tal-process.
[4] Folio 42 sa 46. **Kontro-ezami tax-xhud principali qatt ma sar mid-difiza.**

Xehed **PC594 G. Tani** permezz ta' affidavit li qal li kien xhud tal-istqarrija nhar id-19 ta' Jannar 2023.[5]

Xehed **PS217 I. Mizzi** permezz ta' affidavit fejn spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni u li kien hu li ha r-rapport ta' Bernardette Cutajar. Jikkonferma li skond ic-CCTV l-incident kien gara fil-15 ta' Jannar 2023 ghall-habta ta' 15.20 hrs. Meta baghat ghall-imputat hu xtaq jispjega x'gara u qal li:

'*li l-pallets kienu ilhom fuq il-post xi 3 snin, u li kien hemm minnhom li gabhom huwa stess <u>kif ukoll ohrajn li gabuhom xi familjari ohra</u>.*' Sottolinejar tal-Qorti.

Jghid li kien hemm xi 30-35 pallet u li kienu spiccuti. Jghid li vera kien qabbad hu kollox ghax ried inaddaf il-post ghhax ried irabbi n-nghag.[6]

Xehed **PC582 N. Bugeja** permezz ta' affidavit fejn ikkonferma li l-arrest tal-imputat sar fl-20 ta' Jannar 2023 u li dan tal-ahhar inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat.[7]

Xehed l-**iSpettur Godwin Scerri** nhar id-19 ta' Mejju 2023 fejn spjega li bejn il-familji, ossija dik tal-kwerelanta kif ukoll tal-imputat hemm xi inkwiet fuq xi wirt. Jidher li kien hemm diversi rapport bejn il-

[5] Folio 56 tal-pricess.
[6] Folio 59 tal-process.
[7] Folio 65 tal-process.

familji.[8] Hu jghid li ghalhekk hass li jinforma lill-magistrat tal-ghassa fejn awtorizzah jarresta lill-imputat. Jghid li hu ha stqarrija lill-imputat li ghazel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu.[9] Isostni li hu haraq imbarazz pero' jghid ukoll ma jafx jekk hux il-pallets kollha kienu tieghu. Jishaq li l-pallets huma minghajr valur u li lest li igibhom lura lill-kwerelanta ghalkemm jghid li zgur li ma kellhiex sittin (60).

Xehed **PC895 Joseph Scicluna** permezz ta' affidavit fejn spjega l-involviment tieghu fl-investigazzjoni ta' nhar it-18 ta' Jannar 2023 fejn il-kwerelanta marret taghmel ir-rapport l-ghassa tar-Rabat, Malta[10].

Xehed **PC1285 Graham Cassar Balzan** nhar it-18 ta' Lulju 2023 fejn ikkonferma li hu mar fuq il-lok tal-incident nhar is-27 ta' Jannar 2023 u nizzel il-filmat relatat mal-kaz odjern[11]. Jghid li dak li nizzel ghaddieh lill-iSpettur Godwin Scerri.

Xehed **l-imputat** nhar is-7 ta' Frar 2024 fejn ikkonferma li huwa haraq l-oggetti pero' jghid li kienu kollha tieghu u li haraqhom b'xi kartun ta' appliances li kienu xtraw il-familjari tieghu xi ftit tal-gimghat qabel.[12] Hu ipproduca xi dokumenti li jippruvaw li kienu inxtraw dawn l-appliances. Jikkonferma li bejn il-familji hemm pika fuq wirt.

Kontro-ezaminat jikkonferma dak li qal l-ispettur investigattiv waqt l-istharrig.[13]

[8] Folio 66 tal-process.
[9] Folio 74 tal-process.
[10] Folio 79 tal-process.
[11] Folio 86 tal-process.
[12] Folio 104 tal-process.
[13] Folio 110 tal-process.

**Ikkunsidrat**:

Jidbda biex jinghat li d-difiza ma ghamlet l-ebda kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, inkluz tal-kwerelanta. Dunque, l-Qorti tqis li, fin-nuqqas ta' attakk fuq ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata minnha, ghandha tistrieh fuq tali xhieda u ma tiddubitax mill-veracita' taghha.

Minn naha l-ohra l-prosekuzzjoni ghamlet kontro-ezami lill-imputat. Jidher li essenzjalment fl-istqarrija *a tempo vergine* l-imputat jghid haga u fix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti jistqarr xi haga daqsxejn differenti fejn b'hekk jipprova jiskolpa ruhu kompletament mill-akkuzi. In sustanza, a differenza ta' dak li qal lill-investigaturi, fix-xhieda tieghu jghid li l-affarijiet li haraq huma tieghu filwaqt li fl-istqarrija jikkontendi li mhux kollox kien tieghu. B'hekk il-Qorti thoss li ghandha tirraporta b'mod fidil il-parti tal-istqarrija li hija relevanti:

**M. Ser nurik dokument b' parti minnu immarkat b' cirku ahmar u x'inti dan l-ahhar hraqt xi ammont ta' pallets tal-injam hemmhekk?**

**T. Mhux ser inwiegeb**

**M. Jiena ircevejt rapport li hraqt madwar 60 pallet li kienu propjeta' tal-familja Cutajar, xi tghidli dwar dan?**

**T. Li kienu propjeta taghhom ma nistax nghid ghax kien hemm minnhom li huma propjeta' tieghi, kemm kien hemm bl-ezatt ma nafx u hija verita' li jiena hraqt il-pallets, hraqthom ftit ftit sabiex nkun nista' nikkontrolla n-nar, uzajt ukoll xi kartun ta' xi appliances sabiex nahraq.**

**M. Kemm kien hemm pallets li huma tieghek?**

**T. Ma nafx ezatt ghax inkun qed nigdeb.**

**M. Jekk il-pallets l-ohra li kien hemm ma kienux tieghek ghalfejn hraqthom?**

**T. Ghax antiki u spiccuti ma kinux ta' uzu, kienu mormijin, kelli il-hsieb li ngib ziemel u naghag u nqieghdhom hemm fejn hraqt. Fil-fatt xi snin ilu kelli ziemel hemmhekk.**

**M. Bernardette Cutajar irraportat li hija kella 60 pallet hemmhekk u inti iddistruggejthom, inti lest taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat?**

**T. Pallet illum ma fihx valur, pero' jekk trid ingibilha sittin pallet jiena lest li ngibhomla u sittin pellet zgur li ma kienx hemm.**

**M. Kemm kien hemm pellets li ma kinux tieghek?**

**T. Ma nafx bl-amment onestament qieghed nghidlek, u ma nafx min gabhom propjament.**

**M. Inti tifhem li jekk tahraq jew tkisser oggetti ta' haddiehor inti tkun qed taghmel reat?**

**T. U zgur li nifhem li taghmel hsara fil-propjeta' ta' haddiehor huwa reat, pero' ma nistax nghid li dan sar fil-propjeta' ta' haddiehor.**

Il-Qorti thoss li dak li inghad fl-istqarrija ghandu aktar mis-sewwa fid-dawl ukoll ta' dak li stqarret il-kwerelanta kif ukoll fid-dawl tal-animosita' li hemm bejn il-familji rispettivi.

**Ikkunsidrat:**

Ma hemmx dubbju, u dan kif koncess mill-imputat stess, li kien hu li qabbad l-oggetti fid-data, lok u hin indikat fl-akkuza. Pero' d-difiza tikkontendi zewg punti principali:

1. Li l-oggetti kienu kollha tal-imputat u
2. Li kienu bla valur u kif ukoll li l-prosekuzzjoni ma ippruvatx il-valur tal-pallets.

Fuq l-ewwel punt il-Qorti diga' esprimiet ruhha u ghalkemm lesta tikkoncedi li mhux kull ma tqabbad kien tal-kwerelanta, certament kien hemm pallets li jappartjenu lill-kwerelanta. Ir-ritratti, ghalkemm tas-

sena 2020 jidher li hija kienet tixtri pellets godda, ossija ta’ kwalita’ tajba.[14]

Il-Qorti hija ukoll soddisfatta li l-pallets tal-kwerelanta kellhom dak il-valur li ma jeccedix l-Ewro 250 pero jeccedi Ewro 23.29c[15].

Il-mibki Onorevoli Imhallef Dottor William Harding fis-sentenza deciza minnu **Il-Pulizija Carmelo Callus** nhar is- 26 ta’ Mejju 1958 qal:

‘*Il-Kodici Kriminali f’materia ta’ danneggjament, jitkellem fuq hsara, thassir u tgharriq ta’ hwejjeg ta’ haddiehor: liema lokazzjoni tikkomprendi gradazzjoni mid-distruzzjoni totali ghall-icken dannu. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-imputat ma ghamilx hsara fl-oggett ghax dan kien imhassar, jekk hu kompla jhassru, u jekk dak l-oggett, anki hekk imhassar, xi valur kellu...... Hu veru li l-oggett danneggat hemm bzonn li jkollu valur; izda dan il-valur jista’ jkun anki ckejken u residwali, u skond xi awturi jista’ jkun anki ta’ affezzjoni.*’

Aktar recentement intqal fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) vs Joseph Cini** (App. Nru. 116/2013) deciza fis-27 ta’ Frar 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima:

[14] Mhux mistenni li individwu joqghod jiehu ritratti ta’ kull oggett li jixtri jew li jzomm ircevuta tieghu biex jaghmel dik il-prova ta’ valur jew li oggett ma kienx res derelicta. Folio 50 u 54 tal-process.
[15] Artikolu 325(1)(d).

*Illi madanakollu ma hux necessarju ghal sejbien ta' htija ghal dan l-aggravanti ghar-reat tas-serq illi l-Qorti tkun moghnija minn xi espert li jistabbilixxi il-valur preciz jew xi prova ohra dokumentali li jindikaw kemm jiswew bl-ezatt l-oggetti misruqa, izda tista' tasal wkoll mill-esperjenza tal-ħajja sabiex tistabbilixxi jekk l-parametri indikati fil-ligi gewx milhuqa u issuperati.*

*Infatti skont is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Cutajar*[16] *deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta intqal is-segwenti:*

*'Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mil-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati.... '*[17]

*Illi allura ezaminati l-atti din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni tal-valur tal-oggetti misruqa bl-informazzjoni kif lilha ipprovduta matul il-proċeduri ta' dan il-każ.*[18]

---

[16] Deċiża nhar it-23 ta' Settembru 2005 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

[17] Ara wkoll Pulizija vs Lorita Pace deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2006 mill-Imħallef Joe Galea Debono.

[18] Pagna 13 tas-sentenza. Ara ukoll **Il-Pulizija vs Carmelo Sant** deciza mill-Qorti tal-Appell fil- 11 ta' Dicembru 1997 per Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda piena l-Qorti hadet nota tal-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll tal-fatt li hemm kwistjonijiet familjari fuq wirt bejn il-partijiet.

Peress li ma giex stabilit b'mod preciz u sodisfacenti kemm jiswew il-pallets u kemm kienu ezatt dawk danneggati allura din il-Qorti fin-nuqqas ta' tali prova tqis li m'ghandhiex tikkundanna lill-imputat

biex ihallas kumpens lill-kwerelanta.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 325 (1) (c)[19] u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Nicholai Galea HATI** tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u vl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sena mil-lum.

Inoltre ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Josette Cutajar, Bernardette Cutajar u Isabelle Cutajar u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena qed torbot lill-hati Nicholai Galea b'obbligazzjoni

[19] jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur;

tiegħu nnifsu taħt penali ta' elf Ewro (€1,000) biex ma javvicinax, ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx bi kwalunkwe mod lill-kwerelanta Bernardette Cutajar, lil Josette Cutajar u Isabelle Cutajar ghall-perjodu ta' sena mil-lum.

Il-Qorti tawgura li dan kien u jibqa' incident izolat u kemm l-imputat kif ukoll il-kwerelanta jippruvaw isibu kompromess fuq il-kwistjonijiet li hemm bejniethom u jaghlqu dan il-kapitolu f'hajjithom biex b'hekk ikunu jistghu jimxu 'l quddiem.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car il-konsegwenzi u l-obbligi tieghu skont l-istess sentenza u l-imputat jiddikjara illi fehem l-istess.

**Dottor Monica Vella LL.D, M. Jur.**

**Magistrat**

**Annalise Mifsud**

**Deputat Registratur**